



*Dokument ta' sessjoni*

B8-0308/2018 }  
B8-0309/2018 }  
B8-0355/2018 }  
B8-0360/2018 }  
B8-0361/2018 }  
B8-0362/2018 } RC1

10.9.2018

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA**

imressqa skont l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B8-0308/2018 (Verts/ALE)  
B8-0309/2018 (PPE)  
B8-0355/2018 (ALDE)  
B8-0360/2018 (EFDD)  
B8-0361/2018 (GUE/NGL)  
B8-0362/2018 (S&D)

dwar sistemi ta' armi awtonomi  
(2018/2752(RSP))

**Michael Gahler, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, David McAllister, Sandra Kalniete, Laima Liucija Andrikienė, Elmar Brok, Tunne Kelam, Eduard Kukan, Julia Pitera, Fernando Ruas**

f'isem il-Grupp PPE

**Ana Gomes, Victor Boştinaru, Knut Fleckenstein, Arne Lietz, Clare Moody**

f'isem il-Grupp S&D

**Norica Nicolai, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Gérard Deprez, Ivan Jakovčić, Ilhan Kyuchyuk, Patricia Lalonde, Louis Michel,**

RC\1162580MT.docx

PE621.719v01-00 }  
PE621.720v01-00 }  
PE624.059v01-00 }  
PE624.069v01-00 }  
PE624.070v01-00 }  
PE624.071v01-00 } RC1

**Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Frédérique Ries,  
Marietje Schaake, Ramon Tremosa i Balcells, Johannes Cornelis**

**van Baalen, Hilde Vautmans, Ivo Vajgl**

f'isem il-Grupp ALDE

**Sabine Lösing, Javier Couso Permuy, Kateřina Konečná, Dimitrios**

**Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Kostadinka Kuneva**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Philippe Lamberts, Ernest Urtasun, Bodil Valero, Max Andersson, Klaus  
Buchner**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Fabio Massimo Castaldo, Dario Tamburrano**

f'isem il-Grupp EFDD

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar sistemi ta' armi awtonomi (2018/2752(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Titolu V, l-Artikoli 21 u 21.2(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra "l-klawsola Martens" inkluża fil-Protokoll 1 tal-1977 addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra,
- wara li kkunsidra l-Parti IV tal-Āġenda 2018 tan-NU għad-Diżarm, intitolata "Securing Our Common Future" (Niżguraw il-Futur Komuni Tagħna),
- wara li kkunsidra l-istudju tiegħu tat-3 ta' Mejju 2013 dwar l-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem mill-użu ta' drones u ta' robots awtonomi fil-gwerer,
- wara li kkunsidra d-diversi pożizzjonijiet, rakkmandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet tiegħu li jagħmlu sejħa għall-projbizzjoni ta' sistemi ta' armi awtonomi letali (LAWS), bħarr-rakkmandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2018 dwar it-73 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>1</sup>, il-mandat biex jinbdew negozjati adottat fil-plenarja fit-13 ta' Marzu 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2016 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni<sup>2</sup>, ir-rakkmandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2016 dwar il-71 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>3</sup>, u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar drones armati<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, Christof Heyns, tad-9 ta' April 2013 (A/HRC/23/47),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-UE dwar is-Sistemi ta' Armi Awtonomi Letali (LAWS) li saru lill-Grupp ta' Esperti Governattivi tal-partijiet fil-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali f'Ġinevra, fil-laqgħat tiegħu tat-13 sas-17 ta' Novembru 2017, tad-9 sat-13 ta' April 2018 u tas-27 sal-31 ta' Awwissu 2018,
- wara li kkunsidra l-kontributi li saru minn Stati differenti, inkluż mill-Istati Membri tal-UE, qabel il-laqgħat tal-2017 u tal-2018 tal-Grupp ta' Esperti Governattivi,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017 li ssejjaħ għal approċċ "bniedem fil-kmand" għall-intelliġenza

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0312.

<sup>2</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0494.

<sup>3</sup> ĠU C 101, 16.3.2018, p. 166.

<sup>4</sup> ĠU C 285, 29.8.2017, p. 110.

- artifiċjali u għal projbizzjoni ta' sistemi ta' armi awtonomi letali,
- wara li kkunsidra s-sejħa mis-Santa Sede għal projbizzjoni ta' armi awtonomi letali,
  - wara li kkunsidra l-ittra mistuħha ta' Lulju 2015 iffirmata minn aktar minn 3 000 riċerkatur tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika u dik tal-21 ta' Awissu 2017 iffirmata minn 116-il fundatur ta' kumpanji ewlenin tar-robotika u tal-intelliġenزا artifiċjali li jwissu dwar sistemi ta' armi awtonomi letali, u l-ittra minn 240 organizzazzjoni tat-teknoloġija u 3 089 individwu li jippenjaw ruħhom li qatt ma jiżviluppaw, jiproduċeu jew jużaw sistemi ta' armi awtonomi letali,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili, bħall-Kampanja għal Tmiem tar-Robots Letali, li tirrappreżenta 70 organizzazzjoni, fosthom Human Rights Watch, Article 36, PAX u Amnesty International, minn 30 pajjiż,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- A. billi l-politiki u l-azzjonijiet tal-UE huma ggwidati mill-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u mir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, mill-prinċipji tal-Karta tan-NU u mid-dritt internazzjonali; billi dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati sabiex titħares il-paċi, jiġu evitati l-kunflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali;
- B. billi t-terminu "sistemi ta' armi awtonomi letali" jirreferi għal sistemi ta' armi bla kontroll sinifikanti mill-bniedem fuq il-funzjonijiet kritiċi tal-għażla tal-objettivi individwali u tal-attakk fuqhom;
- C. billi huwa rrappurtat li għadd mhux magħruf ta' pajjiżi, industriji b'finanzjament pubbliku u industriji privati qed jirriċerkaw u jiżviluppaw sistemi ta' armi awtonomi letali, minn missili li kapaċi jagħżlu objettivi selettivament sa magni li jitgħallmu mogħnija b'ħiliet konjittivi biex jiddeċiedu kontra min, meta u fejn jiġiieldu;
- D. billi sistemi mhux awtonomi bħal sistemi awtomatizzati, dawk imħaddma mill-bogħod u dawk teleoperati ma għandhomx jitqiesu bħala sistemi ta' armi awtonomi letali;
- E. billi s-sistemi ta' armi awtonomi letali għandhom il-potenzjal li jibdlu l-għwerer b'mod fundamentali billi jagħtu lok għal tellieqa tal-armi mingħajr preċedent u mingħajr kontroll;
- F. billi l-użu ta' sistemi ta' armi awtonomi letali jqajjem mistoqsijiet etiċi u legali fundamentali dwar il-kontroll mill-bniedem, b'mod partikolari rigward funzjonijiet ta' importanza kritika, bħall-ġħażla tal-objettivi individwali u l-attakk fuqhom; billi l-magni u r-robots ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet bħal dawk li jieħdu l-bnedmin, li jinvolvu l-prinċipji legali ta' distinzjoni, proporzjonalità u prekawzjoni;
- G. billi l-involviment tal-bniedem u s-superviżjoni umana huma fundamentali għat-teħid ta' deċiżjonijiet letali, peress li huma l-bnedmin li jibqgħu responsabbi għad-deċiżjonijiet fuq il-ħajja u l-meħwt;

- H. billi d-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt umanitarju internazzjonali u dak dwar id-drittijiet tal-bniedem, japplika bis-sħiħ għas-sistemi ta' armi kollha u għall-operaturi tagħhom, u billi l-konformità mad-dritt internazzjonali hija rekwiżit fundamentali li l-istati jeħtiġilhom jissodisfaw, b'mod partikolari rigward ir-rispett ta' prinċipi bħall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili jew it-teħid ta' prekawzjonijiet fl-attakki;
  - I. billi l-użu ta' sistemi ta' armi awtonomi letali jqajjem mistoqsijiet ċentrali dwar l-applikabbiltà tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, tad-dritt umanitarju internazzjonali u tan-normi u tal-valuri Ewropej fir-rigward ta' azzjonijiet militari futuri;
  - J. billi, f'Awwissu 2017, 116-il fundatur ta' kumpaniji internazzjonali ewlenin tar-robotika u tal-intelliġenza artifiċjali bagħtu ittra miftuħa lin-NU, li fiha talbu li l-gvernijiet "jipprevjen t-tellieqa tal-armi f'dawn l-armamenti" u "jevitaw l-effetti destabilizzanti ta' dawn it-teknoloġiji";
  - K. billi kwalunkwe sistema ta' armi awtonomi letali tista' taħdem ħażin minħabba żball fil-programm jew minħabba attakk ċibernetiku mwettaq minn stat għadu jew minn attur mhux statali;
  - L. billi l-Parlament Ewropew ripetutament talab li tiġi żviluppata u adottata b'urġenza pożizzjoni komuni dwar is-sistemi ta' armi awtonomi letali, għal projbizzjoni internazzjonali tal-iż-vilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' sistemi ta' armi awtonomi letali li jippermettu li jitwettqu attakki mingħajr kontroll sinifikanti mill-bniedem, kif ukoll li jinbdew negozjati effettivi għall-projbizzjoni tagħhom;
1. Ifakkar fl-ambizzjoni tal-UE li tkun attur globali għall-paċi, u jitlob li r-rwol tagħha fl-isforzi globali ta' diżarm u nonproliferazzjoni jitwessa', u li l-azzjonijiet u l-politiki tagħha jaħdnu favur iż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, filwaqt li jiżguraw ir-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-protezzjoni taċ-ċivili u tal-infrastruttura ċivili;
  2. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), lill-Istati Membri u lill-Kunsill Ewropew biex jiżviluppaw u jadottaw, b'urġenza u qabel il-laqgħa ta' Novembru 2018 tal-Partijiet Kontraenti Għolja għall-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali, pożizzjoni komuni dwar is-sistemi ta' armi awtonomi letali li tiżgura kontroll sinifikanti mill-bniedem fuq il-funzjonijiet kritiċi tas-sistemi tal-armi, inkluż waqt l-iskjerament, u jitlobhom jitkellmu b'leħen wieħed fil-fora rilevant u jaġixxu skont dan; jistieden f'dan il-kuntest, lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex jaqsmu l-aħjar prattiki u jiksbu kontributi mingħand esperti, akademiċi u s-soċjetà ċivili;
  3. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lill-Istati membri u lill-Kunsill biex jaħdnu favur il-ftuħ ta' negozjati internazzjonali dwar strument vinkolanti li jiprojbxxi sistemi ta' armi awtonomi letali;
  4. Jenfasizza, fid-dawl ta' dan, l-importanza fundamentali li ma jithallewxi isiru żvilupp u produzzjoni ta' kwalunkwe sistema ta' armi awtonomi letali li ma jkollhiex kontroll mill-bniedem fuq funzjonijiet kritiċi bħall-għażla tal-objettivi individwali u l-attakk

fuqhom;

5. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu tat-13 ta Marzu 2018 rigward ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Industrijali Ewropew tad-Difiża, b'mod partikolari l-paragrafu 4 tal-Artikolu 6 (azzjonijiet eliġibbli), u jenfasizza r-rieda tiegħu li jadotta pożizzjoni simili fil-kuntest tal-programm ta' riċerka tad-difiża li ġej, il-programm ta' żvilupp fl-industrija tad-difiża u karatteristiċi rilevanti oħra tal-Fond Ewropew għad-Difiża ta' wara l-2020;
6. Jissottolinja l-fatt li l-ebda arma jew sistema ta' armi mħaddma bħalissa mill-forzi tal-UE mhija sistema ta' armi awtonomi letali; ifakk li l-armi u s-sistemi ta' armi ddisinjati speċifikament biex jiddefendu pjattaformi, forzi u popolazzjonijiet propri kontra theddidiet dinamiċi ħafna bħal missili, munizzjonijiet u ingēnji tal-ajru ostili ma jitqisux bħala sistemi ta' armi awtonomi letali; jenfasizza li deċiżjonijiet ta' attakk fuq ingēnji tal-ajru bi bnedmin abbord għandhom jittieħdu minn operaturi umani;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO.